**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 30 ta' April, 2024

Rikors Ġuramentat: 70/2022 AL

**A B**

**vs.**

**Dr Joe Brincat u PL Nadine Farrugia bħala kuraturi sabiex jirrappreżentaw l-assenti C D E F**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] datat 23 ta' Marzu 2022 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet kif ġej:

[1] Fol. 1.

*1) Il-kontendenti kellhom relazzjoni illi llum spiccat, u minn din ir-relazzjoni twieled tifel G H F illi twieled fil-1 February 2013;*

*2) Illi wara li spiccat r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti, l-intimat kien ghal bicca l-kbira assenti mill-hajja tat-tifel minuri sakemm huwa telaq minn Malta ghal kollox fit-2 ta' Dicembru 2021.*

*3) Illi l-esponent ghandu diversi tfal minn diversi ommijiet. Sabiex huwa javzahom illi hu kien ser jitlaq mill-pajjiz, huwa krea chat fuq WhatsApp fejn informa lit-tlett ommijiet illi huwa kien ha jitlaq mill-pajjiz b'mod iminenti u b'mod permanenti.*

*4) Illi l-esponenti kull ma taf huwa dak illi hi giet infurmata bih permezz ta' dan il-messagg, u cioe illi huwa kien ha jmur jghix, u ormai jghix gewwa l-Canada, u minn dak illi jsir jaf mit-tifel tal-partijiet. Ghalhekk, kontestwalment ma dan ir-rikors guramentat, l-esponenti ntavolat rikors ghal hatra ta' kuraturi sabiex jirrapprezenawh fl-assenza tieghu.*

*5) Illi l-esponenti ppruvat sa l-ahhar sabiex titkellem mal-konvenut bil-kelma t-tajba u sabiex jirregolaw l-aspetti tal-hajja tat-tifel minuri fil-granet qabel ma telaq mill-pajjiz b'dana illi huwa baqa jirrifjuta u għalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*6) Illi l-esponenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi bil-kawza odjerna bis-sahha ta' digriet datat 17 Frar 2022 liema digriet huwa hawn anness u mmarkat DOK A.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti, previa kull provvediment iehor li l-Qorti jidhrilha huwa xieraq u opportun fic-cirkostanzi, joghgobha:-*

*i. tordna illi l-kura u kustodja tat-tifel minuri tigi fdata lill-attrici u illi l-istess tifel ikompli jghix maghha;*

*ii. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata ghall-htigjijiet tal-imsemmija minuri li tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-istess minuri, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn dina l- Qorti;*

*iii. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici nofs l-ispejjes ta' sahha, edukazzjoni u dawk extra-kurikulari jew bhala somma separata jew b'zieda ma, u bhala parti mis-somma ta' manteniment likwidat skont it-talba precedenti;*

*iv. tordna illi l-manteniment illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tillikwidha jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja;*

*v. tordna illi l-manteniment hekk likwidat jithallas lill-attrici direttament mill-paga tal-konvenut;*

Rat il-lista ta' xhieda tal-attriċi;

Rat id-digriet tal-Qorti tal-21 ta' Ġunju 2022[2] li bih ġew appuntati l-kuraturi Dr Joseph Brincat u l-PL Nadine Farrugia.

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati[3] l-Avukat Dr Joseph Brincat u l-Prokuratur Legali Nadine Farrugia, fejn ġie eċċepit:

*1. Illi jidher li C D E F filfatt kellu diversi relazzjonijiet u diversi tfal u issa ħarab minn Malta u qiegħed iħalli warajh straxxiku ta' kawżi.*

*2. Illi fl-aħjar interess tal-minuri għalhekk hemm bżonn illi aktar milli kura u kustodja tat-tifel minuri tiġi fdata f'idejn l-*

[2] Fol. 9.
[3] Fol. 48.

*attriċi, tgħaddi f'idejha l-awtorita ta' ġenitur inkondizzjonatament u dan biex l-omm tkun tista' mingħajr il-bżonn ta' rikors wieħed fuq l-ieħor fl-interess tal-minuri tiegħu d-deċiżjonijiet illi hi bħala omm hija fl-aħjar pożizzjoni li tagħmel.*

*3. Illi kemm-il darba jiġu ppruvati l-fatti għal kull buon fini mhux qed issir l-ebda oppożizzjoni għat-talbiet l-oħra.*

*Dikjarazzjoni tal-kuraturi Jghidu bil-qima:*

*1. Illi jidher li C D E F filfatt kellu diversi relazzjonijiet u diversi tfal u issa ħarab minn Malta u qiegħed iħalli warajh straxxiku ta' kawżi.*

*2. Illi fl-aħjar interess tal-minuri għalhekk hemm bżonn illi aktar milli kura u kustodja tat-tifel minuri tiġi fdata f'idejn l-attrici, tgħaddi f'idejha l-awtorita ta' ġenitur inkondizzjonatament u dan biex l-omm tkun tista' mingħajr il-bżonn ta' rikors wieħed fuq l-ieħor fl-interess tal-minuri tiegħu d-deċiżjonijiet illi hi bħala omm hija fl-aħjar pożizzjoni li tagħmel.*

*3. Illi kemm-il darba jiġu ppruvati l-fatti għal kull buon fini mhux qed issir l- ebda oppożizzjoni għat-talbiet l-oħra*

Rat il-lista ta' xhieda tal-konvenut;

Rat id-digriet tas-17 ta' Frar 2022,[4] fejn il-Qorti awtorizzat lill-attriċi sabiex tipproċedi b'kawża *entro* t-terminu stabbilit mill-liġi;

Rat il-verbali kollha u x-xhieda imressqa mill-attriċi kemm permezz ta' affidavit u kif ukoll *viva voce* quddiem din il-Qorti;

[4] Fol. 6.

Rat il-verbal tat-13 ta' Lulju 2023[5] fejn il-kuraturi deputati infurmaw il-Qorti illi ma rnexxielhomx jagħmlu kuntatt mal-assenti konvenut;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[6]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-kawża odjerna l-attriċi qiegħda titlob il-Qorti sabiex din tafdalha f'idejha l-kura u kustodja tal-minuri G H F u li dan ikompli jgħix magħha wara li l-missier naturali tat-tifel telaq mill-pajjiż. Titlob ukoll lill-Qorti sabiex tillikwida retta alimentarja li l-konvenut missier għandu jħallas lill-attriċi omm għal binhom, kif ukoll li tikkundanna lill-konvenut iħallas nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni u dawk extra kurrikulari tal-minuri.

Permezz tar-risposta tagħhom il-kuraturi deputati rrispondew illi aktar milli l-kura u kustodja tat-tifel minuri tiġi fdata f'idejn l-attrici, għandha tgħaddi f'idejha l-awtorità ta' ġenitur inkondizzjonatament u dan biex l-omm tkun tista' mingħajr il-bżonn ta' rikors wieħed fuq ieħor fl-interess tal-minuri tieħu d-deċiżjonijiet illi hi bħala omm hija fl-aħjar pożizzjoni li tagħmel. Jgħidu li kemm-il darba jiġu ppruvati l-fatti għal kull *buon fini* mhux qed issir l-ebda oppożizzjoni għat-talbiet l-oħra.

---

[5] Fol. 55.

[6] Verbal a fol. 71.

Il-Qorti tirreleva sa mill-premess illi kawżi bħal ma hija dik preżenti għandhom jiġu deċiżi abbażi tal-prinċipju ġenerali tal-aħjar interessi tal-minuri.

## 2. Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi Mresqa:

*Il-Verżjoni tal-Attriċi u l-Provi Mressqa Minnha:*

1. *L-attriċi tippreżenta affidavit*[7] illi permezz tiegħu tgħid illi hija ltaqgħet ma' C F fl-2011 u xi ftit ta' żmien wara bdew jikru appartament il-Mellieħa fejn bdew jgħixu flimkien sakemm fl-2013 kellhom tarbija. Tgħid li dak iż-żmien ir-relazzjoni tagħhom kienet tajba ħafna.

   Tgħid iżda li bil-mod il-mod ir-relazzjoni ta' bejniethom bdiet sejra għal agħar tant li fl-2015 iddeċidew li jwaqqfu r-relazzjoni u l-attriċi baqgħet tabita ma binhom G u l-wild li hi kellha minn relazzjoni oħra, ġewwa l-appartament li kienu joqgħodu fih dak iż-żmien ġewwa l-Għargħur. Tispjega li l-konvenut "*ma kienx jinteressah fl-ebda parti tal-ħajja ta' kuljum tiegħu. Wara diversi attentati biex nibda ninvolvi lil C, li ħadu numru ta' ġimgħat, iddeċieda li jibda jiġbor lil G mill-iskola darba jew darbtejn fil-ġimgħa u wasalna għal qbil biex G jibda jqatta' weekend iva/weekend le ma' Alan'*'[8]. Madanakollu hija tgħid li l-konvenut ma tantx dam jonora dan il-ftehim għaliex beda jgħid li kien qed jeħli wisq ħin fit-traffiku. Hija kellha titlob fil-fatt is-support tal-ġenituri tagħha kemm biex jgħinuha fit-trobbija tat-tifel, għaliex hija kienet taħdem, u anke finanzjarjament għaliex il-konvenut ma kienx jagħtiha flus bħala manteniment għat-tifel.

   Tippreżenta numru ta' *screenshots* mill-mobile fejn turi li l-konvenut ma kienx jimpurtah wisq li jwettaq l-obbligi

[7] Fol. 18.
[8] Fol. 18.

tiegħu ta' missier. Hija tgħid li kien iħalli lit-tfal fuq id-*devices* meta jkunu miegħu u li t-tfal kienu jibżgħu minnu għaliex kien anke jkun aggressiv magħhom. F'nofs diżgwid bejniethom kien jibblokkja n-numru tagħha u ma kienx jimpurtah li jista' jiġri xi ħaġa lill-minuri u jkollha bżonn tkellmu.

Tgħaddi biex tagħti numru ta' eżempji ta' meta l-konvenut missier tgħid li ħarab ir-responsabbilitajiet tiegħu ta' missier anke meta t-tifel kien ma jiflaħx. Tgħid li lanqas *parents day* jew okkażjonijiet ta' *training* tal-*football* tat-tifel jew parata tal-iscouts ma kien jattendi. Tippreżenta għadd ta' *screenshots* li juru diversi raġunijiet li minħabba fihom il-konvenut jgħid li ma jistax jattendi dawn l-okkażjonijiet jew jeżerċita l-aċċess mifthiem. Darba saħansitra jesprimi l-għadab tiegħu għaliex it-tfal ma setgħux imorru *party* skedat u għalhekk kienu ser ikunu miegħu u ma kienx ser ikun jista' jmur il-*gym*. L-attriċi tgħid li f'dawn l-okkażjonijiet kienet taqbad u tmur għat-tfal u żżommhom hi u twassalhom fejn hemm bżonn. Meta kienu jkunu miegħu fil-*weekend* ħafna drabi kien ikun rieqed u lanqas biss kien jagħtihom x'jieklu. Kien imbagħad spiċċa mingħajr karozza u għalhekk dan kien iktar u iktar ta' xkiel għall-attriċi li iktar issa ma kellix għajnuna minnu u kellha kull darba twassal u tieħu lit-tfal għand il-konvenut hi. Tgħid li saħansitra lanqas attenda l-preċett ta' ibnu għaliex ġab skuża siegħa qabel iċ-ċerimonja biex ma jkunx preżenti u t-tifel kien imweġġa ħafna b'dan. Lanqas ma kien ikun interessat jiltaqa' ma' G f'okkażjonijiet bħal Milied u għeluq snin it-tifel.

Fuq l-aspett finanzjarju hija tgħid li ma kellha għajnuna ta' xejn *"Iktar minn hekk, C bil-kemm qatt ikkontribwixxa finanzjarjament. Kull meta saqsejtu biex jikkontribwixxi, ir-risposta tiegħu kienet dejjem tkun "Ibgħat karta bl-avukat". Kif semmejt qabel, dejjem*

*inżomm il-paċi bejnietna u qatt ma ridt li indur lejn il-qorti biex insolvi s-sitwazzjonijiet tagħna, imma issa kontra qalbi m'għandi l-ebda għażla oħra.*

*Minn meta nfridna, madwar 6 snin ilu, huwa kkontribwixxa darba waħda biss, permezz tal-lista tal-istationery tal-iskola ta' Theo; u dan wara li insistejt miegħu b'mod kostanti. Ironikament, lanqas biss indenja ruħu jmur hu l-istationery. Kienet I li kellha tieħu hi lil Theo sal-istationery biex jixtri l-lista ta' oġġetti għall-iskola.*

*C qatt ma xtralu xi ħwejjeġ, ħwejjeġ ta' taħt jew kalzetti. Kull ħaġa li C ipprovda lil G kienet permezz ta' ommu li dak iż-żmien kienet taħdem Debenhams. Kull meta G kien għand C, dejjem kien ikolli nibgħatlu basket ħwejjeġ u ta' taħt biex jużahom G; ħwejjeġ li rari reġgħu ġew lura. Qabel ma bdejt nibgħatlu basktijiet bil-ħwejjeġ, ħafna drabi G ma kienx ikun liebes ħwejjeġ ta' taħt meta kont nigbru mingħand Alan.*

*Kits tal-futbol, uniformijiet tal-iScouts, ħwejjeġ personali, żraben jew kwalunkwe ħaġa relatata, kienu dejjem imħallsa minni. Kwalunkwe ħarġa tal-iskola, appuntamenti medici, medicini, gugarelli, appuntamenti mad-dentist, hairdresser, prodotti ta' iġene u kull ħaġa oħra li G kellu bżonn jew xtaq, dejjem kienu mħallsa minni.”*[9]

Tirrakkonta wkoll il-mod kif avża lilha u lill-ommijiet l-oħra li minnhom kellu wlied li kien ser jitlaq lejn il-Kanada. Tgħid li għamel dan billi krea *Whatsapp group* fejn informahom li kien ser jitlaq ġimgħatejn wara. Hija tippreżenta wkoll *screenshot* ta’ din ic-*chat*. Kien ovvjament diffiċli mmens biex tispjega lit-tifel li missieru kien ser jitlaq għal kollox minn Malta. Tgħid li lanqas

[9] Fol. 20.

biss prova jqatta' ftit ħin ta' kwalità ma' wliedu qabel telaq.

Hija pruvat f'dak il-punt illi tifthiem miegħu sabiex jaslu għal ftehim bonarju iżda tgħid li l-konvenut qalilha li ma kellux ħin għal dan. Il-konvenut telaq minn Malta fit-2 ta' Diċembru 2021 u l-aħħar darba li ra lil ibnu kien fil-21 ta' Novembru 2021. F'għeluq snin it-tifel imbagħad fl-1 ta' Frar 2022 meta t-tifel kien ser jagħlaq disa' (9) snin it-tifel stenna ġurnata sħiħa lil missieru jċempillu iżda dan ċempel biss wara li ħu G kkuntatjah diversi drabi u fil-7.45 *pm* ċempillu għal mhux aktar minn żewġ minuti fejn awguralu *Happy Birthday.*

2. *Affidavit ta' J K*[10] li tiġi omm tifel ieħor minn tal-konvenut. Hija tgħid li hi saret taf lill-attriċi minn meta din daħlet f'relazzjoni mal-konvenut. Hi tispjega li hi hija omm L, tifel ieħor tal-konvenut u hi u l-attriċi saru ħbieb għaliex xtaqu li t-tfal tagħhom jikbru bħala aħwa magħqudin. Hija tfaħħar ħafna lill-attriċi u tgħid li hi omm eżemplari u ma tħalli lit-tfal neqsin minn xejn, dejjem indaf u taħdem ħafna biex it-tfal ikollhom ħajja tajba u stabbli iżda wkoll tagħtihom is-*support* li għandhom bżonn emozzjonalment u mentalment. Tgħid li l-attriċi "*tagħmel minn kollox biex it-tfal jitgħallmu t-tajjeb mill-ħażin, tikkoreġihom fejn hemm bżonn u tgħallimhom kif għandhom iġibu ruħhom b'mod eżemplari u kif juru rispett lil ta' madwarhom.*"[11] Tispjega li hi u l-attriċi kienu jgħinu lil xulxin u jikkordinaw bejniethom fuq l-aċċess ta' wliedhom għax uliedhom kienu jmorru għand il-missier konvenut fl-istess ħinijiet. Tgħid li minn meta l-konvenut telaq minn Malta huma saru iktar viċin ta' xulxin għaliex wiegħdu lil uliedhom li jibqgħu jitrabbew bħala aħwa magħqudin

[10] Fol. 29.
[11] Fol. 29.

anke jekk missierhom mhux Malta u t-tfal bdew anke jagħmlu attivitajiet flimkien.

3. *Affidavit ta' M B*[12] li tikkorrobora l-verżjoni tal-attriċi u tgħid illi huma kien ikollhom jissaportjaw lil binthom l-attriċi anke finanzjarjament għaliex il-konvenut kien spiss jispiċċa bla xogħol u ma kienx itiha manteniment għat-tifel. Hija żżid li G għandu kundizzjoni ta' *lactose intolerance* iżda missieru lanqas dan ma kien jagħti każ u kien itih li jfettillu bir-riżultat li t-tifel kien iqatta' ljieli sħaħ jisgħol u jkollhom jagħtuh il-mediċina. Issemmi wkoll id-diżappunt kbir meta t-tifel sar jaf li missieru kien se jemigra u tgħid li ħadd ma seta' jsabbru meta sar jaf b'din l-aħbar. Hi ssemmi li hi għandha relazzjoni tajba ħafna mat-tifel.

4. *Affidavit ta' N B*[13] li wkoll jikkollabora l-verżjoni tal-attriċi u jżid li hu kemm il-darba attenda attivitajiet tat-tifel għaliex missieru ma kienx jattendi u għalhekk kien iħoss li kellu jipprovdi f*ather figure* għat-tifel minnflok missieru.

5. *Affidavit ta' O P*[14] jixhed bħala d-*direct line manager* tal-attriċi u jgħid li jafha bħala ta' karattru tajjeb. Jgħid li hija għandha taħtha tmien (8) *accounts managers* ibbażati Malta u l-Ingilterra. Jixhed li l-konvenuta hija *absolute high performer* b'salarju ta' ħamsa u disgħin elf Ewro (€95,000) u taqla *commission* ta' ħamsa u sittin elf Ewro (€65,000) jekk tilħaq it-*targets*. Jgħid li dejjem tilħaq it-*targets* tagħha u jirnexxilha taqla kważi l-*commission* kollu. Huwa jfaħħar ħafna lill-konvenuta u jgħid li l-passjoni ta' ħajjitha huma wliedha, li jirnexxielha tmur tajjeb daqshekk fix-xogħol u fl-istess ħin tkun daqshekk preżenti fil-ħajja ta' wliedha. Hi

[12] Fol. 30.
[13] Fol. 32
[14] Fol. 34 verżjoni bil-Malti u fol. 35 verżjoni bil-lingwa Ingliża.

qalbet għal xogħol *hybrid* wara l-COVID sabiex tkun tista' tkun iktar id-dar mat-tfal. Huwa jgħid li jikkunisdra l-attriċi bħala omm mudell u jammiraha kemm bħala omm u kemm bħala kollega.

Fit-12 ta' Jannar 2023 l-attriċi tintavola wkoll tliet noti ġuramentati li bihom tippreżenta s-segwenti dokumenti:

1. Nota[15] li biha teżebixxi *screenshot* tal-grupp li ħoloq il-konvenut sabiex jinforma lit-tliet ommijiet ta' uliedu li kien ser jitlaq minn Malta;

2. Nota[16] li biha tgħarraf lill-Qorti li hi ma tafx l-indirizz tal-konvenut iżda tagħti l-*email address* u n-numru tiegħu;
.

3. Nota[17] illi permezz tagħha tippreżenta elenku tal-ispejjeż mensili li hija tinkorri għall-minuri Theo.

Fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2023, l-attriċi tħarrek ix-xhieda segwenti:

1. *RPC 3141, Janet Cicala*[18] li tippreżenta rapport immarkat bħala **Dok. JC 1** li jikkonsisti f'rapport li għamlet ċertu Mariela Dinkova fil-konfront tal-konvenut dwar aċċess tat-tifel tagħhom (tagħha u tal-konvenut) Bradley Saydon;

2. *Ms Charmaine Bugeja in rappreżentanza tal-Qrati Ċivili u Tribunali*[19] li tippreżenta sentenza fl-ismijiet J K vs Dr Joseph Brincat u PL Nadine Farrugia bħala kuraturi sabiex jirrappreżentaw l-assenti C D E F, li d-difensur tal-attriċi jispjega illi hija sentenza f'każ li omm tifel

[15] Fol. 38.
[16] Fol. 40.
[17] Fol. 41.
[18] Fol. 56.
[19] Fol. 59.

ieħor minn tal-konvenut għamlet kontra l-konvenut dwar kura u kustodja u manteniment tal-wild tagħhom;

3. *Q R għalliema tal-minuri G*[20] li tixhed dwar l-andament akkademiku tat-tifel u tgħid illi l-attendenza tat-tifel l-iskola hija waħda regolari, jagħmel il-*h.w.*, huwa tifel ubbidjenti ħafna u ma hemm l-ebda *concerns* dwar ir-riżultati li jġib.

Il-kuraturi ma jippreżentaw l-ebda prova.

## 4. Prinċipji Legali Saljenti għal Każ Odjern:

Il-Qorti tibda biex tagħmel referenza għall-prinċipju bażilari li jirriżulta mill-liġi u l-ġurisprudenza nostrana b'mod assulutament kostanti, jiġifieri illi kif ingħad fis-sentenza tal-fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna**[21]: *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

Jingħad ukoll fis-sentenzi fl-ismijiet **Frances Farrugia vs Duncan Caruana**,[22] u **Marlon Grech vs Charlene Banks**[23] illi *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

---

[20] Fol. 64.
[21] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċit. Nru. 1715/2001/1RCP).
[22] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-31 ta' Mejju 2017 (Rik. Ġur. Nru.268/11AL).
[23] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rik. Ġur. Nru.218/13AL).

Għaldaqstant il-mod kif tiddeċiedi l-Qorti f'dawn il-każijiet dwar kura u kustodja tal-ulied, għandu jneħħi kull dubju f'dak li jkun, illi d-deċiżjoni tkun saret wara li wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fid-dawl tal-prinċipju suprem jiġifieri li kwalsiasi ordni li tingħata mill-Qorti tingħata fl-interess suprem tal-minuri.

Il-liġi nostrana f'Artikolu 3B tal-Kap 16 tgħid kif ġej:

*"(1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied".*

Għalkemm hawn il-liġi titkellem dwar il-"miżżewġin", dan l-obbligu fil-konfront tal-ulied huwa wieħed li jinkombi fuq kull ġenitur anke fuq dawk il-ġenituri li ma humiex magħqudin bir-rabta taż-żwieġ. F'dan ir-rigward infatti l-liġi tagħna hija ċara kif jingħad f'Artikolu 7 tal-Kap 16 illi:

*"Il-**ġenituri** għandhom l-obbligu li jieħdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B"*

u għalhekk huwa ċar li dan l-obbligu huwa marbut mal-fatt li wieħed huwa ġenitur u mhux mal-fatt li huwa miżżewweġ.

Artikolu 56 tal-Kap 16 jgħid illi:

*"(1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna wkoll lil liema waħda mill-partijiet għandha tiġi fdata l-kustodja tat-tfal u l-konsiderazzjoni ewlenija tkun il-ġid tal-ulied."*

Dan il-prinċipju ilu jiġi rifless fil-ġurisprudenza tagħna sa minn żmien ilu hekk kif fis-sentenza fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless**,[24] il-Qorti kienet

[24] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.

qalet illi "*la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".* U sal-ġurnata tal-lum il-Qorti timxi bl-istess prinċipju u tgħid fil-kawża **Jennifer Portelli *pro et noe* vs John Portelli**[25] illi: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*

L-Artikolu 131 tal-Kap 16 imbagħad jitkellem dwar is-setgħa tal-ġenituri u jistipula illi:

*"(1) L-iben huwa suġġett għas-setgħa tal-ġenituri tiegħu għall-effetti kollha kif stabbiliti bil-liġi.*

*(2) Ħlief f'dawk il-każijiet stabbiliti bil-liġi, din is-setgħa tkun eżerċitata bi ftehim bejn iż-żewġ ġenituri. Wara l-mewt ta' wieħed mill-ġenituri, din tkun eżerċitata mill-ġenitur li jibqa' ħaj.*

*(3) F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri dwar ħwejjeġ ta' importanza partikolari, kull wieħed mill-ġenituri jista' jirrikorri għal dik il-qorti skont ma tista' tkun indikata minn jew taħt xi liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien fejn juri dawk id-direzzjonijiet li fil-fehma tiegħu jidhirlu xierqa fiċ-ċirkostanzi."*

[25] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, (Ċit. Nru: 2668/1996/2RCP).

Artikolu 56 tal-Kap. 16 jipprovdi illi:

*"(1) Meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna wkoll lil liema waħda mill-partijiet għandha tiġi fdata l-kustodja tat-tfal u l-kunsiderazzjoni ewlenija tkun il-ġid tal-ulied.*

*(2) Il-qorti tista', jekk tqis li dawk il-miżuri jkunu tassew meħtieġa, u wara li tqis iċ-ċirkostanzi kollha rilevanti, tordna li l-ulied jitqiegħdu taħt fil-kustodja ta' persuni in loco parentis, ta' terzi, jew f'xort'oħra ta' kura.*

*(3) Il-qorti tista' tagħti dawk l-ordnijiet fis-sentenza tal-firda, għalkemm fl-azzjoni għaliha ma tkun saret ebda talba, dwar il-kustodja tal-ulied.*

*(4) Il-qorti tista', f'kull żmien, tirrevoka jew tibdel dawk l-ordnijiet dwar l-ulied, meta l-interessi tal-ulied hekk jitolbu.*

*(5) Il-qorti tista' barra dan, meta ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tistabbilixxi li xi ħadd mill-ġenituri jew it-tnejn ikunu miċħuda mill-jeddijiet tal-awtorità tal-ġenituri għal kollox jew f'parti."*

Il-Qorti fis-sentenza **A B f'isimha personali kif ukoll ghan-nom u in rappreżentanza ta' bintha l-minuri C D vs E D**[26] tgħallem illi: *"Ezami akkurat tal-Artikolu 56 appena citat juri illi l-ligi taghna taghmel distinzjoni bejn 'IL-KUSTODJA' tal-ulied fuq naha u 'IS-SETGHA TA' GENITUR' jew 'L-AWTORITA' TA' GENITUR' fuq in-naha l-ohra. Fil-Kapitolu 16 il-frazi 'KURA U KUSTODJA' hija uzata biss fit-Titolu li jitratta l-adozzjonijiet.*[27] *Strettament ghalhekk il-Qorti ghandha tiddeciedi* ***fl-ewwel lok dwar il-kustodja tal-minuri, u cioe' ma' min il-minuri ser tirrisjedi u fit-tieni lok dwar jekk ghandiex iccahhad lil xi hadd mill-genituri***

[26] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-28 ta' Mejju, 2015 (Rik. Ġur. Nru. 24/2012RGM).
[27] Vide Artikolu 115 (4) (c) tal-Kap. 16.

***mill-awtorita' ossia s-setgha ta' genitur.*** *Il-ligi taghna tipprovdi meta l-Qorti ghandha tnehhi is-setgha ta' genitur minn idejn genitur. Artikolu 154 tal-Kap. 16 jipprovdi illi: "(1) Bla ħsara ta' kull piena oħra li għaliha jista' jkun suġġett skont il-liġi, il-ġenitur jista' jiġi mneħħi mill-qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri, jew minn biċċa minnhom, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin: (a) jekk il-ġenitur, billi jagħti kastig barra mill-qies, jaħqar lit-tifel, jew jittraskura l-edukazzjoni tiegħu; (b) jekk l-imġieba tal-ġenitur tista' tagħmel ħsara lit-trobbija tat-tifel; (c) jekk il-ġenitur huwa interdett, jew inabilitat li jagħmel xi atti, kif jingħad fl-artikoli 520 sal-527 inklużivament tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u fl-artikoli 189 u 190; (d) jekk il-ġenitur jamministra ħażin ħwejjeġ it-tifel; (e) jekk il-ġenitur jonqos li jaqdi xi wieħed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel.*

*Fl-ambitu ta' separazzjoni personali, Artikolu 56 (5) tal-Kap. 16 jipprovdi illi l-Qorti tista' ccahhad lil xi hadd mill-genituri jew lit-tnejn mill-awtorita' ta' genitur "meta c-cirkostanzi hekk jehtiegu".*

*Fil-fehma tal-Qorti l-Legislatur ried li f'kaz fejn iz-zewg genituri mhux ser jghixu flimkien id-diskrezzjoni tal-Qorti dwar is-setgha tal-genitur tkun aktar wiesa minn dak stabbilit fl-Artikolu 154 supra citat. Ghaliex filwaqt li l-Artikolu 154 jelenka c-cirkostanzi meta s-setgha ta' genitur tista' tigi revokata, l-Artikolu 56 jippermetti li setgha ta' genitur tigi revokata jekk ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ikunu hekk jehtiegu. Fost ic-cirkostanzi li l-Qorti f'kazi kongruwi ghandha tiehu in kunsiderazzjoni huwa certament x'inhu l-ahjar interess tal-minuri."*

L-istess Artikolu 7 tal-Kap 16 hawn fuq ċitat jobbliga lill-ġenituri li **jmantnu** lill-uliedhom. Kif jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-Liġi, iż-żewġ ġenituri għandhom l-istess obbligu versu wliedhom sabiex imantnu lil uliedhom kull

wieħed skond il-mezzi tiegħu, kkalkulati skont il-bżonnijiet tal-Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili. L-Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust."*

Kif ritenut fil-gurisprudenza il-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilità tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Il-Qorti dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbiltà tagħhom fuq il-ġenitur

l-ieħor jew inkella fuq l-istat."[28] Il-Qorti tissottolinea għalhekk li l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari iżda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li *ai termini* tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kap 16 għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez relatati mal-istess saħħa u edukazzjoni.

Fil-każ **Portelli Jennifer *pro et noe* vs Portelli John[29]**, jingħad: *"l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżzi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."*

Il-Qrati tagħna kienu sensittivi wkoll għal fatt li ġenitur li jkollu l-kura u kustodja ta' wliedu ma jistax jaħdem minħabba f'dan il-fatt. Tgħid il-Qorti fis-sentenza **Marthese Vella *pro et noe* vs George Vella[30]**: *"Illi din il-Qorti, tghid illi dan hu hekk in principju, però jista' jkun li jkun hemm kazijiet fejn minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, il-genitur li jkun afdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri ma jkunx jista' jahdem u dan minhabba li jkun irid jippresta l-attenzjoni u l-kura tieghu ghat-trobbija ta' l-imsemmi minuri."*

Magħdud ma' dan ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza nostrana illi *"Din il-Qorti timxi mal-massima legali li min jallega ħlas dan irid jippruvah u b'hekk indubjament teżiġi li l-parti li tagħmel it-talba għandha tipprova l-każ tagħha."*[31]

Kif jingħad ukoll fil-kawżi fl-ismijiet **Ottilie Micallef *pro et noe* vs A Joseph Mifsud**,[32] u **Romina Veneziani *noe* vs Dr**

[28] Vide Tiziana Caruana vs Redent Muscat deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019 (Rik. Ġur Nru. 272/2018); Liza Spiteri vs Luke Farrugia deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019 (Rik. Ġur Nru. 219/2018).
[29] Deciża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Rik. Nru. 2668/1996).
[30] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 2003.
[31] Deċiża mill-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja fit-27 ta' Jannar 2022 (Rik. Ġur Nru. 152/16 AL).
[32] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar it-18 ta' Jannar 2022, (Rik. Ġur Nru. 107/2015 AL).

**Marc Sant**,[33] illi: *"Madanakollu l-grad ta' prova neċessarja f'kawża fejn si tratta talba għal manteniment minn għand dak il-ġenitur li ma jkunx preżenti sa mit-twelid tal-minuri, huwa tali fejn ikun biżżejjed għal dik il-parti li tagħmel it-talba għal ħlas ta' manteniment illi tippreżenta prospett li jindika approssimattiv tal-infiq ta' flus fuq il-minuri li għandu jkun ikkorraborat b'numru sostanzjali ta' rċevuti, liema rċevuti għandhom jagħtu indikazzjoni tal-ħajja li dik il-parti tkun qiegħda tagħti lil uliedha"*

## 5. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:

Hawnhekk il-Qorti għandha quddiema talba magħmula mill-attriċi sabiex takkordalha l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri G, iben il-partijiet, u tiffissa l-manteniment li għandu jkun pagabbli mill-konvenut għall-bzonnijiet tal-istess minuri, li għandu jinkludi ukoll sehmu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari.

Mix-xhieda mhux kontradetta tal-attriċi jirriżulta illi hi omm eżemplari li dejjem ġabet l-ewwel il-bżonnijiet ta' wliedha. Dan joħroġ ukoll ċar mill-konverżazzjonijiet li kien ikollha mal-konvenut meta kien għadu Malta. Jirriżulta li hi kienet omm preżenti mmens u dan joħroġ anke mid-dettall li kienet tidħol fih bħala omm dwar l-iskedi tat-tfal, x'ilbies jilbsu, fi xħin jieklu *etc*. Dan minkejja li kellha żżomm xogħol *full time* għaliex milli tixhed hi u l-bqija tax-xhieda l-konvenut ma kienx jgħinha xejn finanzjarjament.

Jixhed fil-fatt il-manager tax-xogħol tagħha li jgħid li l-attriċi hija omm eżemplari u preżenti għal uliedha fejn minkejja li tagħmel ix-xogħol tagħha b'dedikazzjoni kbira u tilħaq anke t-*targets* imposti fuqha li jirriżultaw f'introjtu sinifikanti, hija xorta tpoġġi lil uliedha fiċ-ċentru tad-deċiżjonijiet rigwardanti x-xogħol. Eżempju wieħed ta' dan huwa l-fatt li hija talbet li

[33] Deċiża mill-Qorti tal-Familja, nhar is-27 ta' Jannar 2022, (Rik. Ġur Nru. 152/2016 AL).

taħdem iktar mid-dar sabiex tkun aktar preżenti għal uliedha. Dawn huma fatti li l-Qorti tinnota u tfaħħar għaliex żgur ma kienx faċli għall-attriċi illi prattikament trabbi weħidha kontra l-kurrent li jirriżulta li kien jagħmlilha l-konvenut anke meta kien Malta u fl-istess ħin iżżomm xogħol ta' tant responsabbiltà.

Jirriżulta mill-konverżazzjonijiet li l-attriċi kien ikollha mal-konvenut[34] fejn kienet tipprova tikkordina miegħu dwar il-minuri G illi l-konvenut ma kienx jimpurtah mill-interessi tat-tifel u ma kienx jagħmel wisq sforz illi jkun a *present father* tant li missier l-attriċi kien iħoss li għandu jimla dan ir-*role* fl-assenza tal-missier għaliex kif jixhdu diversi xhieda, il-minuri kien iħoss ħafna kull darba li missieru kien ikun assenti għall-attivitajiet tiegħu. Il-konvenut jirriżulta li kien idawwar il-minuri madwar il-bżonnijiet tiegħu u mhux idawwar il-bżonnijiet tiegħu ma' dak li kellu bżonn it-tifel.

Wieħed jammira wkoll il-fatt li l-ommijiet ta' wlied il-konvenut minflok ma ppikaw bejniethom ingħaqdu biex uliedhom jitrabbew flimkien. Dan juri kemm dawn l-ommijiet, a kuntrarju tan-nuqqas ta' maturita` li juri l-konvenut, għandhom għal qalbhom l-interessi tat-tfal tagħhom lil hinn mill-interessi tagħhom. Filfatt tixhed omm il-minuri L, tifel ieħor minn tal-konvenut illi l-attriċi hija verament omm eżemplari u li tara kemm fiżikament u emozzjonalment hija tieħu ħsieb lil uliedha. Tant hu hekk li huma kienu jafdaw lil uliedhom ma' xulxin mingħajr inkwiet. L-attriċi fil-fatt kienet il-parrina fil-griżma ta' iben din l-omm.

Anke meta kien Malta stess il-konvenut kien jieħu lill-minuri għal aċċess b'ħafna kundizzjonijiet u saħansitra jġib għadd ta' skużi biex jevita dan, apparti li waqt l-aċċess kien jinjora l-bżonnijiet partikolari tal-minuri tant li omm l-attriċi tixhed kif kien jinjora anke l-kundizzjoni ta' *lactose intolerance* li kellu l-minuri G bil-konsegwenza li hu kien jispiċċa jbati fiżikament

---

[34] Fol. 22 *et. seq.*

u jieħu l-mediċina li kien ikollha tixtrilu ommu l-attriċi. Għalhekk id-diżgwit u n-nuqqas ta' kommunikazzjoni tajba kienu diġà preżenti b'mod akut meta l-konvenut kien Malta. Meta mbagħad il-konvenut iddeċieda li ser jemigra toħroġ l-irresponsabbiltà fil-mod kif avża lill-ommijiet ta' wliedu li kien ser jitlaq mill-pajjiż. Minflok ma tkellem ma' kull waħda minnhom huwa bagħat jgħidilhom fuq *chat* waħda u minn kliemu joħroġ li l-interess tiegħu kien li jħalluh kwiet u ma wera l-ebda rimors li ħa jħalli lil uliedu mingħajr missier. Wieħed imbagħad ma jistgħaġibx li meta attwalment emigra l-komunikazzjoni bejn il-ġenituri marret il-baħar tant li lanqas fil-birthday tat-tifel il-konvenut missier ma għamel sforz biex iċempillu u għamel dan biss wara li ħu ibnu ċempillu diversi drabi hu.

Hawn il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Miriam Cauchi *pro et noe* vs Francis Cauchi**,[35] fejn il-Qorti irriteniet illi hija "*tiskarta t-talba ghall-kustodja kongunta ghax, bhala sistema, mhux prattikabbli meta l-genituri ma jitkellmux bejniethom*". Dan l-insenjament kompla ġie elaborat fis-sentenza **Scott Schembri vs Dorianne Polidano**,[36] fejn il-Qorti saħqet illi "*filwaqt li tiddikjara li taqbel ma' tali pronunzjament izzid illi l-istess principju japplika fejn iz-zewg genituri m'humiex kapaci jitkellmu b'mod civili ma' xulxin li l-kura u kustodja ma ghandhiex tkun kongunta ghaliex immankabilment tkun sors ta' litigji ulterjuri b'detriment serju ghall-benessere tal-minuri*"

Tgħid l-istess sentenza fil-fatt dak li japplika għal dan il-każ *"Li wiehed jghid li f'din il-kawza l-partijiet mhux jiftehemu huwa "understatement". Il-Qorti tara li jekk tikkonferma d-decizjoni tal- Qrati tal-Gustizzja ewwel Qorti f'dan l-aspett tkun qed taghti lok ghal hafna disgwid li ma jfisser xejn ghajr hsara lill-minuri, specjalment jekk kif jista' jigri fil-hajja ta' kull bniedem ikun hemm bzonn ta' decizjonijiet mghaggla u*

[35] Deċiża nhar it-3 ta' Ottubru 2008 (App. Nru. 2463/1999/1).

[36] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-30 ta' April 2015 (Rik. Ġur. Nru. 277/2012 RGM).

*urgenti f'dan ir-rigward. Certament ghalhekk tali sitwazzjoni ma hija prattikabbli xejn fil-kaz in ezami.".*

Kif ċitat iktar il fuq u jkompli jkun imtenni fis-sentenza fl-ismijiet **AB vs CD**[37]: *"Il-Qorti għaldaqstant, għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili. Illi kif kellha l-okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. "Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata.""*

Fid-dawl ta' dan kollu, l-Qorti tinsab sodisfatta li fl-aħjar interessi tal-minuri G, il-kura u kustodja tiegħu għandha tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi, b'dak illi l-minuri jibqa' jirrisjedi mal-attriċi f'Malta, fil-fond li l-attriċi tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha. F'dan il-każ fil-fatt lanqas hemm oppożizzjoni minn naħa tal-Kuraturi deputati li fir-risposta tagħhom mhux talli ma jopponux li l-kura u kustodja tingħata lill-omm iżda jgħidu wkoll li lilha għandha tingħatalha f'idejha l-awtorità ta' ġenitur. Fir-rigward ta' dan ma kienx hemm talba mill-attriċi madanakollu l-Qorti tara illi skont l-Artikolu 149 tal-Kap 16:

*"B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-Qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordijiet dwar il-persuna jew il-propjeta' ta' persuna li tkun taħt l-età kif jidrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel"*

U għalhekk kif tgħid il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud**[38] *"Addirittura l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar*

[37] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-23 ta' Frar 2018 (Rik. Gur. Nru 39/17).
[38] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Marzu 2014.

*interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward (ara A sive BC vs D sive EC deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Ġunju 2015). (Ara wkoll Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Dicembru 2018)".*

Kif tgħallem il-Qorti kif iktar il-fuq ċitat is-setgħa tal-ġenitur tmur lil hinn mill-kura u kustodja. Artikolu 90 tal-Kap 16 jgħid illi:

*"(1) Il-ġenitur li jkun għaraf b'ibnu tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ għandu dwaru d-drittijiet kollha tas-setgħa tal-ġenituri minbarra l-użufrutt legali.*

*(2) Jekk l-interessi tat-tifel hekk jeħtieġu, il-qorti tista' tordna li wieħed jew waħda biss mill-ġenituri jeżerċita jew teżerċita d-drittijiet tas-setgħa tal-ġenitur.*

*(3) Il-qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet u, f'każijiet serji, teskludi liż-żewġ ġenituri mill-eżerċizzju ta' dawk is-setgħat.*

*(4) Il-Qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet meta wieħed jew iż-żewġ ġenituri huma akkużati b'reat wieħed jew aktar imniżżel taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali."*

Kif tgħid il-Qorti fis-sentenza **AF vs Avukat Yanika Bugeja u PL. Gerald Bonello bhala kuraturi deputati għall-assenti EF**[39] "*Il-Qorti taghraf illi f'cirkostanzi normali, iz-zewg genituri ghandhom rwol importanti fil-hajja u fit-trobbija ta' uliedhom, u ghalhekk l-ebda wiehed mill-genituri m'ghandhu jigi eskluz mit-trobbija tal-ulied sakemm ma jkunx hemm ragunijiet serji li jwasslu lil Qorti li tiehu mizura daqshekk drastika. Izda kif inghad, f'din il-materja il-Qorti tigi gwidata*

[39] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-13 ta' Ottubru 2020 (Rik. Gur. Nru 291/18JPG).

*mill-ahjar interessi tal-minuri, u ghalhekk il-Qorti ghandha tezamina jekk fic-cirkostanzi huwiex fl-ahjar interess tal-minuri illi xi hadd mill-genituri ghandu jigi zvestit mill-awtorita ta' genitur. Il-Qorti rat illi l-konvenut abbanduna ghal kollox lil bintu u m'ghandu l-ebda kuntatt mal-attrici, tant illi lanqas biss kien possibli li jigi rrintraccat ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri. Il-konvenut ilu ma jara lil minuri minn mindu twieldet, ma jistaqsix dwarha, u lanqas ma jikkontribwixxi finanzjarjament ghat-trobbija taghha. Dan l-abbandun minn naha tal-konvenut ta' bintu jpoggi lill-attrici f'sitwazzjoni difficli f'dak li ghandu x'jaqsam mad-decizjonijiet illi talvolta jkun hemm bzonn li jittiehdu fir-rigward tat-tifla, peress illi l-konvenut ghamilha mpossibli ghaliha li taghmel kuntatt mieghu. Il-Qorti tqis li ma jkunx fl-ahjar interess tal-minuri li ommha jkollha tirrikorri ghall-proceduri gudizzjarji f'kull sitwazzjoni fejn jista' jkun hemm bzonn il-firma ta' missierhom, bhal per ezempju l-iskrizzjoni tal-minuri fi skejjel, xi vjagg skolastiku edukattiv, jew xi decizjonijiet fl-ambitu mediku. Il-Qorti ghalhekk hija konvinta illi jezistu l-estremi sabiex il-konvenut jigi mcahhad mill-awtorita ta' genitur, sabiex din tigi ezercitata esklussivament mill-attrici ommhom."*

Fil-fatt il-Qorti tħoss li l-istess fil-każ odjern ladarba l-komunikazzjoni mal-konvenut missier hija daqshekk diffiċli issa li emigra u abbanduna għal kollox lill-attriċi u wliedu u ma wera l-ebda interess li jkompli jsegwihom bl-ebda mod ma jkun fl-aħjar interessi tal-minuri li l-attriċi jkollha tirrikorri għall-proċeduri ġudizzjarji f'kull sitwazzjoni fejn jista' jkun hemm bżonn il-firma jew kunsens ta' missieru.  Il-Qorti diġà tapprezza l-fatt li l-attriċi omm qed iġġorr l-obbligu ta' ġenitur weħidha u għalhekk ma jkunx sewwa u ġust li wieħed iżid ukoll proċeduri ġudizzjarju kull darba li trid tittieħed xi deċiżjoni mill-aspett edukattiv, mediku *etc* tal-minuri. Għaldaqstant il-Qorti tordna li l-konvenut jiġi żvestit mis-setgħat kollha tiegħu ta' ġenitur *ai termini* tal-Artikolu 154 tal-Kodiċi Ċivili, b'dana illi l-attriċi jkollha s-setgħa ta' ġenitur

waħedha fuq il-minuri bil-fakoltà li tieħu esklussivament weħedha kull deċiżjoni fir-rigward tal-minuri, kemm deċiżjonijiet ordinarji kif ukoll straordinarji.

In vista li l-kura u kustodja tal-minuri ser tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi u per konsegwenza l-minuri jgħix magħha, l-konvenut għandu minimament jivversa manteniment bħala kontribuzzjoni finanzjarja għat-trobbija tal-minuri ibnu.

Kif tixhed l-attriċi, kif ukoll il-ġenituri tagħha, l-konvenut qajla kien jikkontribwixxi mill-aspett finanzjarju u fil-mument li l-attriċi talbet lill-konvenut qabel dan siefer illi jaslu għal ftehim bonarju, li kienet l-inqas ħaġa li seta' jagħmel qabel abbanduna l-familja li kien bena hawn Malta, huwa qal li lanqas għal dan ma għandu ċans. Minn naħa l-oħra kif diġà ngħad, mill-provi jirriżulta li l-attriċi omm ħarġet taħdem minn meta l-minuri kien għadu tarbija u baqgħet tavvanza tant li tipperċepixxi paga tajba fl-impjieg li tinsab fih. Il-Qorti xorta waħda tapprezza li minkejja li hija qed jirnexxilha tagħmel dan hija qiegħda trabbi l-minuri weħedha bħala ġenitur u għalhekk dan jista jimpinġi fuq l-introjtu tagħha.

Kif ritenut fil-ġurisprudenza "*il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat*."[40] Skont artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta *Il-manteniment għandu jingħata skont* ***il-bżonn ta' min jitolbu*** *u* ***l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

F'dan il-każ il-Qorti għandha prova tal-introjtu tal-attriċi u prospett ġuramentat mingħajr ma hu sorrett minn riċevuti tal-ispejjeż, li l-attriċi tagħmel għall-minuri. Il-Qorti m'għandha l-ebda prova quddiemha dwar id-dħul tal-konvenut madanakollu kif ġia kwotat l-manteniment ma huwiex marbut

---

[40] *Vide* Tiziana Caruana vs Redent Muscat (Rik. Nru. 272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (Rik. Nru. 219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019.

ma' xi impjieg jew introjtu partikolari iżda huwa obbligu assolut u għalhekk anke jekk il-konvenut qed jagħżel li ma jaħdimx dan ma jfissirx li jista' jabdika mill-obbligu li jħallas manteniment għal ibnu.

Bil-provi (jew nuqqas tagħhom) li għandha quddiemha f'dan ir-rigward, il-Qorti tħoss li jkun ġust li l-konvenut jibda jivversa manteniment lill-attriċi għal binhom Theo fl-ammont ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) kull xahar, kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' tliet mija u ħamsa u għoxrin Ewro (€325) kull xahar, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi vversat f'kont indikat mill-attriċi kull l-ewwel ġurnata tax-xahar permezz ta' *bank transfer stante* li huwa jgħix barra minn Malta. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għall-minuri Theo sakemm dan jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalità li l-minuri jagħżel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-età maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalità tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż ic-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri G tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi, b'dana illi l-minuri għandu jibqa' tirrisjedi mal-attriċi

ġewwa Malta f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha;

2. Tilqa' it-tieni, it-tielet u r-raba' talba u tordna li l-konvenut jibda jivversa manteniment lill-attriċi għal binhom G fl-ammont ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250) kull xahar, kif ukoll ħamsa u sebgħin Ewro (€75) bħala sehemu għall-ispejjeż relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari kull xahar, u b'hekk il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi total ta' tliet mija u ħamsa u għoxrin Ewro (€325) kull xahar, liema manteniment għandu jogħla kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u għandu jiġi vversat f'kont indikat mill-attriċi kull l-ewwel ġurnata tax-xahar permezz ta' *bank transfer stante* li l-konvenut jgħix barra minn Malta. Il-manteniment jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Fl-eventwalità li l-minuri jagħżel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-età maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalità tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż iċ-*Children's Allowance*, għandhom ikunu perċepibbli mill-attriċi;

3. Tiċħad il-ħames talba *stante* li l-Qorti ma għandiex provi li l-konvenut għandu mpjieg u tordna li l-manteniment jitħallas kif hawn fuq provdut;

4. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, tordna li l-konvenut jiġi żvestit mis-setgħat kollha tiegħu ta' ġenitur *ai termini* tal-Artikolu 154 tal-Kap 16, b'dana illi l-attriċi jkollha s-setgħa ta' ġenitur waħedha fuq il-minuri bil-fakoltà li tieħu esklussivament waħedha kull deċiżjoni fir-rigward tal-minuri, kemm ordinarji kif ukoll straordinarji.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut, b'dan li l-attriċi għandha provviżorjament tħallas id-drittijiet tal-Kuraturi Deputati.